# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 12 ta' Settembru, 2019**

**Kawża Numru 2**

**Rik. Nru. 782/19JRM**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 910/2019 fl-ismijiet:

Dr Abigail **CRITIEN** u P.L. Nadine Farruġia

vs

**FAIR TRADING LIMITED (C – 44369)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Awwissu, 2019, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti eżekutata Fair Trading Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "l-eżekutata") talbet li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontriha fil-11 ta' Lulju, 2019, fuq talba tal-intimati eżekutanti Avukat Critien u Prokuratriċi Legali Farruġia (minn

issa 'l hemm imsejħin l-"eżekutanti") dwar drittijiet taxxati mir-Reġistratur f'kawża li fiha huma kienu għal xi żmien jippatroċinaw lill-istess kumpannija eżekutata;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fis-27 ta' Awwissu, 2019, li biha laqgħu għat-talba tal-eżekutata billi taw bosta raġunijiet għalfejn, fil-fehma tagħhom, il-Mandat imissu jibqa' fis-seħħ u t-talba attriċi ma għandhiex tintlaqa' ladarba huma jgawdu titolu eżekuttiv li jiswa kontra l-eżekutata u dan għas-somma msemmija fl-istess Mandat;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll dawk tal-Mandat eżekuttiv li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Settembru, 2019, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' Mandat esekuttiv. L-eżekutata tressaq tliet (3) kawżali li fuqhom issejjes it-talba tagħha – (i) li n-notifika tat-titolu eżekuttiv ma saritx sewwa u b'hekk it-titolu mhuwiex eżegwibbli bi ħruġ ta' Mandat; (ii) li l-Mandat intalab quddiem qorti ħażina minħabba raġunijiet ta' kompetenza; u (iii) li jonqos f'min talab il-ħruġ tal-Mandat l-interess ġuridiku li jagħmel dan;

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati eżekutanti jgħidu li r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem mir-rikorrenti eżekutata ma humiex raġunijet tajba fil-liġi biex iwasslu għat-tħassir tal-Mandat minnhom mitlub u miksub;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti ewlenin marbutin mal-każ ma hemmx kwestjoni li l-Mandat inħareġ kontra l-eżekutata b'riferenza għal kreditu dwar prestazzjonijiet u drittijiet dovuti lill-eżekutanti li ippatroċinaw lill-eżekutata f'kawża partikolari[1], qabel ma irrinunzjaw għall-patroċinju tal-istess eżekutata[2], skond taxxa tad-drittijiet maħduma fid-9 ta' Mejju, 2019[3]. It-

[1] Rik. Nru. 4/14GM fl-ismijiet *Fair Trading Ltd vs Green MT Ltd* (liema kawża għadha qiegħda tinstema')
[2] Dok "KBT", f'paġ. 47 tal-atti
[3] Dok "A", f'paġġ. 6 – 7 tal-atti

taxxa ntalbet minn avukat li taħdem fid-ditta ta' avukati li l-eżekutata kienet tuża s-servizzi tagħha fl-imsemmija kawża qabel ir-rinunzja tal-patroċinju[4];

Illi fit-22 ta' Mejju, 2019[5], l-eżekutanti ħarġu ittra uffiċjali kontra l-eżekutata li biha interpellawha tħallas is-somma taxxata flimkien ma' ammont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud dwar is-servizzi hekk intaxxati favur l-eżekutanti, u biex b'hekk jirrendu eżekuttiva l-istess taxxa għall-finijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-riferta turi li l-eżekutata laqgħet in-notifika ta' dak l-att ġudizzjarju bil-posta reġistrata fit-28 ta' Mejju, 2019[6], u l-att intlaqa' minn waħda Bimala Rana[7] f'indirizz li l-eżekutata tindika bħala s-sedi tagħha[8];

Illi l-Mandat intalab fil-11 ta' Lulju, 2019, u t-talba għall-ħruġ tiegħu ntlaqgħet b'degriet mogħti l-għada. Il-kreditu msemmi fl-istess att jirreferi għall-ispejjeż u drittijiet taxxati. Is-somma pretiża fil-Mandat titla' għal erbat elef tmien mija u disgħa u sittin euro u ċenteżmu (€ 4869.01). L-eżekutanti indikat ħames (5) sekwestratarji, ilkoll kemm huma banek lokali. Ma jirriżultax jekk xi wieħed mill-imsemmija sekwestratarji għaddiex biex iddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti xi fondi sekwestrati li kienu jappartienu lill-eżekutata;

Illi fit-13 ta' Awwissu, 2019, l-eżekutata fetħet din il-proċedura;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ irid jingħad illi din il-Qorti diġa' wriet, f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din tal-lum, li hija tal-fehma li l-għan li għalih iddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir[9]. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[10]. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[11]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

---

[4] Xhieda ta' l-Avukat Carina Buġeja Testa f'paġġ. 67 – 8 tal-atti
[5] Dok "A", f'paġ. 5 tal-atti
[6] Dok "A", f'paġ. 8 tal-atti
[7] Dok "B", f'paġ. 9 tal-atti
[8] Dok "D", f'paġ. 45 tal-atti
[9] App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd***
[10] Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***
[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[12]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux tas-sospensjoni tal-effetti tiegħu[13];

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

Illi l-Qorti tagħraf li, madankollu, fil-qafas ta' dak li ngħad aktar qabel, biex jista' jinħareġ att eżekuttiv, irid tabilfors ikun hemm titolu eżekuttiv. Għalhekk, l-eżekuttività (b'distinzjoni mis-siwi tal-mertu tiegħu) tat-titolu trid tirriżulta biex wieħed jista' jqis is-siwi tal-att eżekuttiv li jintalab bis-saħħa tiegħu[14]. Kemm hu hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet, ingħad ukoll li n-nuqqas ta' eżistenza ta' titolu eżekuttiv ukoll taqa' fil-parametri tal-istħarriġ dwar "raġuni tajba" li qorti tista' tintalab tagħmel f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[15]. Madankollu, jibqa' l-fatt ukoll li dawn il-kwestjonijiet iridu jitħaddmu fil-qafas tar-regola li ma huwa mogħti lil ħadd il-

[12] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju) u P.A. LSO **15.4.2014** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr Carmel Chircop vs Louis Farruġia*** (mhux appellat)

[13] Ara, b'eżempju, P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Terranet Ltd vs Linknet Ltd. et***; u App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)

[14] Ara Maġ. GV **12.4.2012** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Isabella Ċilia vs Robert Ċilia***

[15] App. Ċiv. **8.2.2019** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr Marlon Borġ noe vs MV Bright Star et***

jedd li jopponi għall-eżekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni[16];

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis is-siwi tat-tliet kawżali li fuqhom l-eżekutata ssejjes it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel kawżali dwar is-siwi tan-notifika tal-ittra uffiċjali, l-eżekutata tgħid li n-notifika ta' dak l-att ġudizzjarju ma tiswiex għaliex saret notifika li ma toqgħodx ma' dak li titlob il-liġi fejn jidħol korp b'personalità ġuridika distinta[17]. B'mod partikolari, l-eżekutata tgħid li ladarba n-notifika tal-ittra uffiċjali ma saritx sewwa, it-titolu eżeluttiv li dak l-att ried jirrendi eżegwibbli għadu sallum mhu eżekuttiv;

Illi l-eżekutanti jikkontestaw b'qawwa dan l-argument. Huma jgħidu li l-eżekutata qiegħda tuża ħażin il-proċedura taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi għaliex mhuwiex mogħti li proċedura bħal din terġa' tiftaħ il-kwestjoni dwar il-mertu u s-siwi tat-titolu eżekuttiv. Minbarra dan, huma jiċħdu li n-notifika tal-att ġudizzjarju ma tiswiex u jisħqu li n-notifika tal-ittra uffiċjali saret f'indirizz li l-eżekutata nnifisha tqis li huwa dak fejn għandha s-sede reġistrat tagħha u li kien indikat lilhom minn dak li huwa d-direttur waħdien tagħha;

Illi l-Qorti tagħraf li l-eżekutata mhijiex tattakka s-siwi tat-titolu eżekuttiv – it-taxxa tad-drittijiet – iżda l-mod kif l-eżekutanti ittantaw jirrendu eżekuttiv dak it-titolu. In-notifika ta' titolu li ma jkunx sentenza b'att ġudizzjarju hija meħtieġa mil-liġi permezz ta' intima ġudizzjarja[18] mhux biex tirrendi validu t-titolu, imma biex tirrendih eżekuttiv wara li jgħaddi ż-żmien meħtieġ minn dakinhar tan-notifika. F'dan ir-rigward, għalhekk, il-kwestjoni tas-siwi tan-notifika jista' jaqa' fil-parametri tal-istħarriġ li l-Qorti tkun trid tagħmel dwar is-siwi formali tal-att eżekuttiv maħruġ taħt is-saħħa ta' titolu bħal dak;

Illi, madankollu, mill-provi dokumentali li tressqu quddiem din il-Qorti u mix-xhieda mismugħa, il-Qorti tasal għall-fehma li n-notifika saret kif titlob il-liġi u ntlaqgħet minn persuna maħsuba fil-liġi fil-post fejn il-kumpannija eżekutata messha laqgħetha[19]. Fix-xhieda mogħtija minnu quddiem din il-Qorti, ir-rappreżentant tal-eżekutata stqarr li kien huwa nnifsu li lil waħda mill-eżekutanti taha l-indirizz fejn saret in-notifika[20], u li l-persuna li laqgħet in-notifika ma tistax tidħol fil-fond imsemmi jekk mhux għaliex idaħħalha hu u li l-att li hija iffirmat għalih għaddithulu fit-28 ta' Mejju tal-2019[21];

[16] Art. 276 tal-Kap 12
[17] Art. 181A tal-Kap 12
[18] Art. 256(2) tal-Kap 12
[19] Ara art. 187(4) moqri fl-imkien mal-artt 187(1) u 181A(2) tal-Kap 12
[20] Xhieda ta' Leo Said f'paġ. 63 tal-atti
[21] *Ibid* f'paġġ. 64 – 5 tal-atti

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li ngħatawlha raġunijiet tajbin biżżejjed biex tordna t-tħassir tal-Mandat maħruġ mill-eżekutanti taħt din il-kawżali;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni kawżali l-eżekutata tgħid li l-Mandat inħareġ minn qorti li ma kellhiex is-setgħa li toħorġu. Hija tgħid li ladarba l-ammont miltub fil-Mandat ma jaqbiżx l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€ 15,000), ma messux tressaq quddiem din il-Qorti u lanqas messu nħareġ minnha;

Illi l-eżekutanti jilqgħu għal dan l-argument billi jgħidu li mkien ma jissemma fil-liġi li din il-Qorti ma tistax tieħu qies ta' talbiet li ma jaqbżux l-imsemmi ammont, imma hija biss dwar il-Qorti tal-Maġistrati li l-liġi timponi l-massimu ta' ħmistax-il elf euro. Jgħidu li kieku l-liġi riedet mod ieħor, kienet tgħidu. Fuq kollox, ladarba l-ittra uffiċjali li biha t-taxxa saret eżekuttiva tressqet quddiem din il-Qorti, ma kienx ikun sewwa li l-Mandat jitressaq u jintalab mill-Qorti tal-Maġistrati;

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eżekutanti mhumiex fis-sewwa fuq din il-ħaġa. Jibda biex jingħad li l-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid ċar li l-eżekuzzjoni ta' kull titolu eżekuttiv li mhuwiex sentenza ssir mill-qorti li hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-oġġett tat-titolu. Il-kompetenza *ratione valoris* bejn din il-Qorti u l-Qorti tal-Maġistrati hija determinata mill-artikolu 47(1) tal-istess Kodiċi. Din il-Qorti ma taqbilx mal-eżekutanti meta jgħidu li hija l-Qorti tal-Maġistrati waħedha li, bil-liġi, għandha setgħat limitati minħabba l-valur u li din il-Qorti għandha kompetenza wkoll fuq ammonti li jaqgħu fis-setgħa tal-Qorti tal-Maġistrati. Il-kompetenza mogħtija mil-liġi lill-Qorti tal-Maġistrati hija, fil-fehma tal-Qorti, esklussiva għal dik il-Qorti sal-limiti stabbiliti mill-imsemmi artikolu. Fit-tielet lok, il-pretensjoni dedotta fil-Mandat mertu ta' din il-proċedura mhuwiex il-frott ta' sentenza jew maħruġ bil-għan tal-eżekuzzjoni tagħha (kemm hu hekk, il-kawża li dwarha nħarġet it-taxxa għadha qiegħda tinstema' u fiha ma ngħatat l-ebda sentenza), iżda huwa titolu eżekuttiv li saħansitra kellu jsir eżegwibbli b'mod partikolari li ma jgħoddx għal sentenzi. Fir-raba' lok, il-fatt li l-eżekutanti għażlu li jressqu l-ittra uffiċjali (biex jirrendu t-taxxa eżegwibbli) quddiem din il-Qorti ma jġibx miegħu l-effett li l-att eżekuttiv kellu jinħareġ minn din il-Qorti wkoll jew li jestendi kompetenza li l-liġi tagħtiha biss lill-Qorti tal-Maġistrati;

Illi kif ingħad qabel, il-ħruġ ta' Mandat minn qorti li ma kellhiex is-setgħa li toħorġu ma jiswiex, Għalhekk l-eżekutata tat lill-Qorti raġuni tajba biex tqis li l-Mandat maħruġ imissu jitħassar u li t-talba tal-eżekutata hija

mistħoqqa. Dan jingħad bla ebda ħsara għall-jedd tal-eżekutanti li jressqu t-talba tagħhom għall-ħruġ ta' Mandat quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi, fid-dawl ta' din il-konklużjoni, ma jibqax meħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex tqis ukoll it-tielet kawżali mressqa mill-eżekutata fit-talba tagħha għat-tħassir tasl-Mandat, ladarba raġuni waħda tajba hija biżżejjed biex it-talba tagħha tintlaqa'. ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti** eżekutata għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 910/19 maħruġ kontriha mill-intimati eżekutanti fil-11 ta' Lulju, 2019, **bl-ispejjeż** kontra l-intimati eżekutanti.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**12 ta' Settembru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**12 ta' Settembru, 2019**